**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 23 ta’ Ottubru, 2018

Rikors Nru : 277/18AL

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie guramentat mir-rikorrenti, li permezz taghha ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fl-1 ta’ April, 2007 [**Dok. A**].

2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta’ kuntratt ta’ separazzjoni ppubblikat fit-30 ta‘ Novembru, 2016, fl-atti tan-Nutar Pubbliku Dr. Joseph Debono [**Dok. B**].

3. Illi qabel il-pubblikazzjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni, il-kontendenti kienu ilhom separati *de facto* mis-sena 2010.

4. Illi ghalhekk il-kontendenti ilhom ferm aktar minn erba' snin separati *de facto*, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

5. Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment.

6. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti tixtieq titlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg bejniethom.

Talbet previa kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi, l-intimat jghid ghaliex lil din il-Qorti m'ghandhiex :

1. tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fl-1 t'April, 2007.
2. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tal-11 ta' Gunju, 2018;

Rat l-affidavit tar-rikorrenti;

Rat illi l-intimat, debitament notifikat, ma ipprezentax risposta u ma deherx ghal dawn il-proceduri;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-30 ta' Novembru 2016 u ilhom de facto separati mis-sena 2010;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet  fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

Dr Abigail Lofaro
Imhallef

Rita Vella Baldacchino
Deputat Registratur